MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 973/2010

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**Guido Micheale Whitelaw**
**I.D. 302406(L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija, tlieta u tmenin Ewro u hamsin centezmu (€683.56), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kondendenti, skond id-dokumenti annessi mal-Avviz ta' talba mmarkati bhala Dok A u Dok B.

Il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas, izda baqa' inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta’ sekwestru numru *2489/10*, u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta’ sitt mija, tlieta u tmenin Ewro u hamsin centezmu (€683.56), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------